**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Simone Grech B.A., LL.D., Mag. Jur (EU Law) Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Illum 14 ta' Novembru, 2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joanne Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Joanne Gatt, ID 570084M u cioe' illi:

L-imputata akkuzatha talli fi 28 ta' Frar 2018 ghall-habta ta' 16.15 hrs gewwa l-istabiliment Moda Bagno fi Triq l-Intornjatur l-Imriehel

1) B' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunajt hsara jew gharraqt xi haga ghad-dannu ta' Maria Fenech;
2) U aktar talli hebbejt ghal Maria Fenech u kkagunajtilha offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr C Mercieca Reg 2251 tal-G/H/C

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-art 412 c tal-kap 9.

Rat id-dokumenti ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha;

Rat l-artikoli 328 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi mismugha, din il-Qorti tinsab sodisfatta li entrambi l-imputazzjonijiet gew ippruvati. Irrizulta lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli illi sehh argument bejn l-imputata u l-parte civile, bil-konsegwenza li l-parte civile sofriet griehi hfief ikkagunati mill-imputata. Gie ppruvat li entrambi l-imputata u l-parte civile kienu maqbudin f' xulxin waqt dan l-argument.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, gie ppruvat li verament il-parte civile sofriet hsarat fl-imsielet, liema hsara rrizulta anke indikata minn messagg skambjat bejn l-imghallem tal-partijiet u l-istess parte civile li dawn l-imsielet instabu maqsumin. Dwar l-oggetti l-ohra allegatament miksura, din il-Qorti ma nghatatx provi lil hinn minn kull dubbju ragonevoli li dawn ntlaqtu waqt l-istess argument u li effettivament intlaqtu mill-imputata.

Fir-rigward ta' piena dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqies li ghandha tapplika l-artikolu 221(3)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mentri fir-rigward ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti sejra tapplika l-piena moghtija f'kaz ta' kontravvenzjonijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1) u (3)(b) u 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront taghha u tikkundanaha fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ghal hlas ta' ammenda ta' mitt Ewro u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghal hlas ta' ammenda ta' mitt Ewro.

**Magistrat** **Deputat Registratur**